**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Distrett – Ghawdex**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 30 ta' Novembru, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**-vs-**

**Victor Paul Borg, bin Emanuel u Maria nee` Formosa, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar l-4 ta' Novembru, 1971, residenti 26, Triq Mikiel Borg, Xaghra, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 28171G**

*Distrett Nru: 327/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Victor Paul Borg u cioe` talli:

Bejn l-1 ta' Lulju, 2017 u t-30 ta' Settembru, 2017 f'diversi inhawi f'Ghawdex-

1. Ghamilha ta' gwardjan privat minghajr ma kellu licenzja mahruga taht l-Att dwar il-Gwardjani Privati u l-Ufficjali tal-Kommunita` u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, mpjega, haddem jew ppermetta l-uzu tas-servizzi ta' gwardjani privati meta dawn is-servizzi ma nghatwx minn agenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati li ghandhom licenzja skond l-

> Att dwar il-Gwardjani Privati u l-Ufficjali tal-Kommunita` sabiex jaghmlu dan bi ksur tal-artikolu 4 tal- Kapitolu 389 Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi l-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** xehed kif il-Pulizija rceviet kwerela[1] minghand l-avukat Dr. Kevin Mompalao sabiex jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat b'rizultat li nhargu l-akkuzi li jinsab addebitat bihom l-imputat f'dawn il-proceduri. Giet esebita stqarrija rrilaxxata mill-imputat Borg fejn filwaqt li nnega li ghamilha ta' gwardjan privat kkonferma li ghamel rapport lill-Kummissjoni ghall-Ammistrazzjoni tal-Gustizzja dwar *misconduct* da parti tal-avvukat Dr. Kevin Mompalao.[2] L-ispettur spjega kif l-imputat kien ghamel xi zmien isegwi lill-martu u anke ingagga investigatur privat fil-mori ta' proceduri ta' separazzjoni sabiex jipprova li meta martu sostniet li ma kellhiex impjieg, ma kienitx qed tkun veritjiera. Alfred Attard li kien il-persuna mqabbda mill-imputat biex isegwi l-movimenti ta' martu gie investigat ukoll u ammetta li kien tqabbad mill-imputat kif ukoll li ma kienx debitament licenzjat jaghmel dak ix-xoghol.

Illi l-**Avvukat Dr. Kevin Mompalao** spjega li hu kien l-avukat ta' mart l-imputat fil-proceduri ta' separazzjoni taghhom. Kien hemm zmien meta peress li martu kienet tqila, mart l-imputat kienet tmur tghin fit-tindif u ta' dan ix-xoghol ghalkemm ma thallsietx bi flus kienu pattewlha ghal dak il-gest b'mod iehor. Dr. Mompalao ddeskriva kif darba fost l-ohrajn vicin il-festa tal-Vittorja tas-sena 2017 lemah lill-imputat fil-vettura tieghu fil-pjazza tax-Xewkija. Kompla *"Issa jiena kont diġà naf illi dan kien qiegħed isegwi għaliex il-mara tiegħi kienet diġà infurmatni li ratu wara l-bieb tad-dar u kont anke ċempilt lil Dr Galea jien eċċetra eċċetra. U qalbi għamlet.... qisu*

[1] **Dok. BS3**
[2] **Dok. BS**

*issuspettat u għidt dan żgur għad-dar tiegħi reġà. U soqt iktar bil-mod. Mill-knisja sad-dar tiegħi ma hemm kważi xejn, kemm iddur kantuniera, però soqt bil-mod u qgħadt fil-bidu tat-triq. It-triq hija żgħira ħafna, kull ma hemm erba' (4) bibien. Allura jiena qgħadt fil-kantuniera tat-triq fuq u rajt lis-Sur Borg jipparkja quddiem id-dar tiegħi. Kellu camera f'idejh u rajtu jieħu xi notamenti. Eżattament x'għamel u ma għamilx he was there for less than a minute. Il-karozza ma nimmaġinax li tfiha u baqa' sejjer."*

Dr. Mompalao esebixxa korrispondenza mibghuta, fil-konfront tieghu, mill-imputat lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja fejn maghha hemm mehmuza diversi ritratti;[3] kopja tal-istess korrispondenza hija annessa mal-kwerela li rceviet il-Pulizija Ezekuttiva.

Madanakollu dak kollu li jifforma parti minn din il-korrispondenza, fejn ghandhu jigi sottolinejat li l-Kummissjoni zzomm il-proceduri taghha *in camera* skond ma jipprovdi l-artikolu 7 tal-Att dwar Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, <u>ma ghandhom l-ebda forza probatorja f'dawn il-proceduri sakemm ma jkunux gew awtentikati mill-istess Kummissjoni jew kkonfermati bil-gurament minn rapprezentant taghha</u>.[4]

Tenut kont tal-kunfidenzjalita` li bih tizvolgi l-operat taghha l-Kummissjoni, hi l-fehma tal-Qorti li difficilment seta' jsehh dan u kien ghalhekk li l-imputat u l-kwerelant ghazlu li jipprezentaw huma nfushom din id-dokumentazzjoni li una volta prezentata in atti, saret parti integrali tal-atti processwali u li dwarha ssib applikazzjoni l-artikolu 518 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**518.** L-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' ġustizzja kriminali ma jistgħu jintwerew lil ħadd, lanqas ma jistgħu jingħataw kopji tagħhom, mingħajr permess speċjali tal-qorti, ħlief lill-Avukat Ġenerali, lill-partijiet fil-kawża jew lill-avukat jew prokuratur legali li jkun awtorizzat mill-istess partijiet; imma dawk l-atti kollha li jkunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ, jista' jarahom kull min irid u jistgħu jingħataw kopji tagħhom, bil-ħlas tad-dritt soltu:....

Hu ta ghajb li kemm l-imputat kif ukoll Dr. Mompalao ghazlu li jipprezentaw dokumentazzjoni mibghuta lill-Kummissjoni u li ghalhekk illum il-gurnata tappartjeni wkoll lill-istess Kummissjoni, meta minn imkien ma jirrizulta li gie ottenut il-permess mill-Kummissjoni sabiex din tigi esbita *ad nauseam*. Fil-fatt dawn l-atti jikkontjenu xejn inqas minn <u>sitt</u>

[3] **Dok. KM**

[4] Ai termini tal-artikolu 636 tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili kif rez applikabbli ghal Kodici Kriminali bl-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali.

kopji tal-korrispondenza mibghuta lill-Kummissjoni. Sahansitra fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2018, kien l-istess Dr. Mompalao li rega' esebixxa din il-korrispondenza minkejja li kienet gja mibghuta minnu bhala parti mill-kwerela maghmula lill-Pulizija Ezekuttiva u li kienet ghada kemm giet esebita mill-ufficjal prosekutur meta xehed dwarha.[5]

Illi hi daqtstant iehor inammissibli is-CD li tikkontjeni registrazzjoni tax-xhieda moghtija minn Alfred Attard fil-kors ta' proceduri ohra li giet esebita mill-ufficjal prosekutur bhala **Dok. BS4**,: *"Dan kien ġie mogħti lili minn Anton Mizzi tar-recording tas-seduta."* Peress li din is-CD, jew it-traskrizzjoni taghha, baqghu ma gewx esebiti u kkonfermati bil-gurament mir-Registratur tal-Qorti, tali prova hija ghal kollox inammissibli.

Dwar l-inammissibilita` tad-dokumentazzjoni li ghada kemm saret riferenza ghaliha, issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Demanuele**:[6]

Illi jibda biex jinghad li uhud mix-xhieda tal-prosekuzzjoni prezentaw diversi dokumenti waqt id-depozizzjoni taghhom. Hafna minn dawn id-dokumenti, fil-maggoranza atti gudizzarji, huma fotokopja mhux awtentikata u lanqas konfermata b'gurament mir-Registratur tal-Qorti.

Illi ai termini ta'l-artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (rez applikabbli ghall-proceduri penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(e) tal-Kodici Kriminali) kopja ta' att gudizzjarju titqies bhala awtentika u konsegwentment tista' tingieb bhala prova *jekk maghmula fil-forma li trid il-Ligi mill-ufficjal li ghandu huwa merfugh l-original*.

Illi huwa principju ben stabbilit li fil-kamp penali l-prosekuzzjoni hija obbligata tressaq l-ahjar prova. B'applikazzjoni ta' dan il-principju u tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi hawn fuq kwotati, kull dokument, mhux fil-forma originali, irid ikun awtentikat minn persuna kompetenti[7], altrimenti ma jissodisfax il-kriterju ta'l-ahjar prova.

Illi dan il-principju huwa ben assodat fil-gurisprudenza taghna. Fis-sentenza mghotija fil-kawza **Il-Pulizija vs Concetta Charles**[8] il-Qorti ta'l-Appell Kriminali, skartat fotokopji bhala prova propju ghaliex mhux awtentikati; dik il-Qorti qalet hekk:

*Ma hemmx dubju illi d-dokumenti mhux awtentikati provduti mill-appellanta, ghal dak li jirrigwarda fotokopji, ma jistghux jigu accettati bhala prova minn din il-Qorti.*

---

[5] Ibid. Vide ukoll **Dok. BS3**

[6] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 10 t'Awissu, 2017.

[7] Fil-kaz ta' atti gudizjarji l-persuna kompetenti huwa r-Registratur tal-Qorti ghaliex, fit-termini ta'l-artikolu 636 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti gudizjarji originali huma merfugha ghandu.

[8] Deciza 27.07.2012.

Illi ghalhekk dawk id-dokumenti kollha li huma fotokopja mhux awtentikata ma jistawx jinghtaw piz probatorju stante li mhumiex l-ahjar prova.

Illi **Hanyu Dong** xehdet kif kienet qed tigi segwta kemm mill-imputat kif ukoll minn persuna ohra. Kienet infurmat b'dan lill-avvukat taghha Dr. Mompalao *"...he used to follow with the car, follow behind me and say who I am going to... who is my friend, or who I am going to talk to, or who I am going to meet... I do not know who he is. But after he came to the Court they say he is private investigator".* Tispjega l-agir ta' din il-persuna li, mill-investigazzjoni tal-pulizija u anke mix-xhieda tal-imputat innifsu, rrizultat li kienet Alfred Attard: *"He followed behind like he take the photo, take the photo, picture of me…. When I with my friend Angie's house then he pretend that he is lost, find where is the place, and he locked the door. Then I did not.... anyway I did not know where so I did not talk to him, Then I said 'I do not know'. Then after a few minutes they come back and he locked the door again. Then he "Is here somebody's house?' And I said "I do not know'....... then when the door is open he saw me and he take a photo. But I do not see the camera, he hid it somewhere, I do not know.".*

Illi l-imputat ghazel li jixhed. Kien biss bix-xhieda tieghu li l-kaz tal-prosekuzzjoni gie ssiggillat u dan meta l-istess imputat ammetta li qabbad bhala investigatur privat lil Alfred Attard biex issegwi l-passi ta' martu u jottejeni nformazzjoni dwarha sabiex ikun jista' jipproduciha bhala evidenza fi proceduri ta' separazzjoni. Fil-fatt l-imputat kompla jsahhah il-kaz tal-prosekuzzjoni meta esebixxa dokument li bil-gurament tieghu jghid li nkiteb minnu - *"ddraftjajtu jien...Dan iddraftjajtu jien eħe".*

Ghaldaqstant dan id-dokument hu <u>prova ammissibbli ghalkemm iffirmat minn Attard u dan ghax kien precizament l-imputat li irredigieh</u>. Id-dokument hu evidenza tal-ftehim milhuq ma Attard, detentur tal-karta tal-identita` nru 43970M, *"for an assignment of private investigation I performed for Victor Borg- the assignment came to an end on 15 September 2017."*[9] Mhemmx dubbju li <u>Attard irrenda servizz lill-imputat</u> u ghal dak is-servizz <u>thallas €800</u>. Hu l-istess imputat li jammetti li ttraskriva l-informazzjoni mghoddija lilu minghand Attard, tant li b'dik l-informazzjoni hejja *"Observation Log"* li hi annessa mal-ftehim esebit minnu:

[9] **Dok. JA**

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri:</u>*
*Dak tista' tgħidilna waħda x'inhu jekk jogħġbok?*
*[Xhud]*
*Dak huwa log jew rendikont tal-movimenti li għamel il-private investigator u x'osserva.*
*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri:</u>*
*Jiġifieri dawk min kitibhom? Hu jew inti?*
*<u>Xhud</u>:*
*Dawn ktibthom jien għax jien xħin għidtlu bihom qalli "Iktibhom.... Ikteb int". U ktibthom.....*
*<u>Il-Qorti</u>:*
*.... Jiġifieri dan id-dokument JA inkiteb minnek mill-bidu sal-aħħar?*
*<u>Xhud</u>:*
*Le, hu qalli l-movimenti x'inhuma, kien qiegħed miegħi, għax hu kien ġej minn Malta. U jien kont qiegħed bil-laptop. Qalli x'indaħħal fih. Daħħalt fih. Ipprintjah u iffirmajtu."*[10]

L-imputat jammetti li *"Huwa veru li qabbadt persuna biex issegwi l-passi tagħha biex inġib provi għall-Qorti Ċivili għax fil-Qorti Ċivili fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu Hanyu Dong kienet għamlet rikors fejn fir-rikors qalet li mhux qed taħdem, li għandha problema medika li ma tistax taħdem u talbet li jiżdied il-manteniment. Allura jien dak iż-żmien kont kellimt lill-avukat tiegħi li ma kienx Dr Axiaq dak iż-żmien. U għidtlu bil-fatti x'inhuma. Għidtlu bil-fatti wkoll li jien kont aware li kienet qed taħdem fid-dar ta' Dr Mompalao. U qalli "isma' rridu provi" qalli "għalxejn tgħidli jekk ma nġibux provi."..... jien qabbadt lil dan il-private investigator. Jien ma nistax inġib il-provi jien għax jien jekk immur jien ħa jindunaw.....* ***Jien ma staqsejtux jekk kienx liċenzjat jew le***.*"*. Mistoqsi kif sar jaf b'Attard jghid *"Jien fittixt fuq l-internet, staqsejt ħbieb, kont inkun xi cafès inkun qed nixrob ma' xi ħadd u ngħidlu "Inti taf b'xi private investigator?" Għax dan ma hemmx reġistru li ssibu. Li tagħmel issaqsi lin-nies bħal meta tkun se ssib kaħħal l-istess issaqsi lin-nies "tafu xi kaħħal?' U kelli diversi ismijiet ta' nies li jgħidu li jagħmlu xogħol ta' private investigator inkluż dan Alfred Attard. Tkellimt magħhom kollha biex nara l-prezz tagħhom x'inhu, meta jistgħu.... għax mhux dejjem kulħadd jista' f'ċertu perjodu. Jien ridtu pjuttost malajr. U dan kien il-persuna li seta' pjuttost malajr, xi ġimgħa wara li għidtlu u bħala prezz kien prezz raġjonevoli u allura qabbadt lilu..... <u>iffirmajt ftehim handwritten.... kollox kelli nħallas cash u allura jien għamilt ftehim bil-mitkub</u> hekk li biex nikkonferma li tajtu l-installment, l-ewwel installment, għax dan ried nofshom bil-quddiem u mbagħad nofshom wara li jġibli l-materjal.....Ma*

[10] Ibid.

*niftakarx jekk tanix irċevuta. Jien l-importanti li kelli dan [il-ftehim] li ddraftjajtu jien...Dan iddraftjajtu jien eħe."*

Il-Qorti staqsiet lill-imputat dwar jekk kienx jaf li Attard kienx investigatur privat licenzjat:

*Il-Qorti:*

*Kont taf li ma kienx liċenzjat?*

*Xhud:*

*Le,*

*Il-Qorti:*

*Bil-ġurament tiegħek.*

*Xhud:*

***Jien ma staqsejtux jekk kienx liċenzjat jew le.***

*Il-Qorti:*

*Inti għidtlu "Inti private investigator?"? Kif kienet? Għax din importanti għat-tieni akkuża.*

*Xhud:*

*Din jien bdejt insaqsi lin-nies meta speċi ġejt fl-istat li kien se jkolli bżonn il-provi bdejt insaqsi u l-ewwel li għamilt mort fuq l-internet fil-fatt. Mort fuq l-internet u daħħalt private investigator ħalli nara x'jitla'. U telgħu xi ismijiet u ċempiltilhom u tkellimt ma' diversi jiġfiieri nies li qalu li huma private investigators. Kemm sibthom fuq l-internet u kif ukoll insaqsi ħbieb tiegħi f'cafès "Min jaf private invstigators?" U xi ħadd qalli b'dan bħalma qaluli b'nies oħra. U tkellimt ma'.... kif qed ngħdilkom tkellimt ma' diversi, tkellimt ma' xi ħamsa jew sitta li qalu li private investigaors. U dan meta tkellimt miegħu kemm bħala prezz u kif ukoll bħala kif kien qisu jaf x'qed jagħmel kien il-persuna li jien iddeċidejt illi nagħżel.*

........

*Il-Qorti:*

*Fhimtek, fhimtek. Però sfortunatament biex dan ikun għandu l-awtenticità tiegħu ta' dak..... Jien li tinteressa l-Qorti at this point hu.... inti l-mens rea tiegħek x'kienet rigward dan is-sinjur? Inti kont tafu bħala private investigator.*

*Xhud:*

*Eżatt.*

*Il-Qorti:*

*Dan xi darba.... ħa nagħmilhielek ċara u tonda din, xi darba qallek li ma għandux liċenzja biex jaħdem ta' private investigator?*

*Xhud:*

*Ma jidhirlix, imma ma niftakarx mija fil-mija. Għax* ***ma hijiex xi ħaġa li ħsibt fuqha u li ikkunsidrajtha u ma niftakarx issa fid-diskussjoni semmihiex hu.***

Din ix-xhieda hi ammissjoni cjara li mhux talli l-imputat ma qaghdtx jivverifika jekk Attard kellux licenzja, kif kien obbligat jaghmel a tenur tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, izda donnu jaghti l-impressjoni wkoll li seta' semmieha Attard stess!

Fid-dawl tal-provi prodotti ser jigu kunsidrati l-akkuzi addebitati lill-imputat.

Illi jirrizulta li meta ntlemah mill-avukat Mompalao, l-imputat kien bil-karozza tieghu u ma damx izjed minn minuta; kienet okkazzjoni ta' darba. Ghalkemm mart Mompalao qalet lill-zewgha li kienet gja rat lill-imputat, dan jikkostitwixxi biss *hearsay* u ghaldaqstant mhux prova ammissibbli. Dan ifisser li l-imputat gie osservat darba biss fil-vicinanzi tar-residenza tal-Avvukat Mompalao u mill-evidenza migbura ma jirrizultax soddisfacentement pruvat li l-imputat kien qed iwettaq xi investigazzjoni privata kif prospettata bl-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità.

Mhux l-istess jista' jinghad ghat-tieni akkuza fejn bix-xhieda tal-imputat u bis-sahha tad-dokument prezentat minnu[11] din giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Fil-fatt l-artikolu 4 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

***4.*** *Ebda persuna ma tista' timpjega, tħaddem jew tippermetti l-użu ta' servizzi ta' gwardjani privati kemm-il darba dawk is-servizzi ma jingħatawx minn aġenzija ta' gwardjani privati jew minn gwardjani privati, skont il-każ, li għandhom liċenza skont iddisposizzjonijiet ta' dan l-Att.*

Illi "*gwardjan privat*" *tfisser individwu li hu impjegat jew li jaħdem ma' aġenzija ta' gwardjani privati*[12] *fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati.*

[11] **Dok. JA**

[12] *"aġenzija ta' gwardjani privati" tfisser kull individwu jew għaqda ta' persuni, korporata jew le, li tipprovdi xi servizzi ta'gwardjani privati ……..*

Filwaqt li "*servizzi ta' gwardjani privati*" *tfisser kull servizz ta'gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorità taħt id-disposizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta'persuni, korporata jew le, dwar -…*[13]

*(i) servizzi ta' investigazzjoni privata;*

Illi mhemmx dubbju li **servizz ta' investigazzjoni privata jaqa' fid-definizzjoni ta' gwardjan privat.**

Illi gie kkonfermat minn **WPC211 Noella Cassar** li Alfred Attard detentur tal-karta tal-identita` nru. 43970M, in-numru li jidher fuq il-ftehim esebit mill-imputat, **mhux licenzjat bhala gwardjan privat:** *"Jien għamilt ir-riċerka fl-uffiċċju tiegħi u fl-uffiċċju ta' Malta u minns tħarriġ li sar niddikjara li l-imsemmi Alfred Attard qatt ma applika biex jottjeni liċenzja tal-gwardjan privat.".*

Illi d-dicitura tal-artikolu 4 ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni. Kull min jimpjega ihaddem jew jippermetti l-uzu ta' servizzi ta' gwardjan privat, li tinkludi servizzi t'investigazzjoni privati, kif jirrizulta mit-tifsiriet elenkati fl-artikolu 2 tal-Att li ghada kemm saret riferenza ghalihom, igorr fuqu l-oneru li jassigura li dik il-persuna li ser ihaddem, jimpjega jew juza s-servizzji taghha, tkun licenzjata ghax-xoghol li tkun ser tigi inkarigata tizvolgi. Interpretazzjoni differenti tirrendi superfluwi d-disposizzjonijiet tal-artikoli 3 u 5 li jimponu obbligi simili fuq min ser jizvolgi ix-xoghol - u cioe` il-gwardjan privat innifsu li irid ikun licenzjat skond l-Att - u fuq l-agenzija li timpjega gwardjani privati fejn giet projbita

---

[13] L-abbli difiza fit-trattazzjoni ghamlet riferenza ghal din it-tifsira. Il-Qorti ser taghel riferenza ghal dak li tqal fil-kors tal-laqgha tal-Kumitat Permanenti Ghall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Ligi, tal-Abbozz nru 159 tal-1995, seduta 30, mizmuma nhar is-26 ta' Marzu, 1996, dwar ir-*ratio legis* ta' din il-frazi*: ""servizzi ta' gwardjani privati" tfisser kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-gvern jew awtorita' taht id-dispozizzjonijiet ta' xi lgii ohra barra min dan l-Att, ..."*

**ONOR. LOUIS CUSCHIERI:** Ezempju ta' dan huwa meta l-pulizija jkunu qeghdin xoghol waqt loghob tal-*football.*

**ONOR. TONIO BORG:** Hawnhekk qed nitkellmu fuq meta tkun awtorita' pubblika li taghti dak is-servizz. Biex niehu l-ezempju li qed isemmi l-Onor. Cuschieri, l-MFA thallas ammont ta' flus lill-Pulizija talli l-pulizija jmorru l-*ground* fil-*weekends*. L-MFA ma thallasx lill-individwu imma thallas lill-Gvern u mbaghad il-Gvern ihallas lill-individwu. …… Dan huwa servizz ta' gwardjan privat pero' peress li hu provdut minn Dipartiment tal-Gvern allura ma jaqax taht id-definizzjoni ta' servizz ta' gwardjani privati u ghalhekk m'hemmx bzonn ta' licenzja jigifieri l-pulizija li jaghmlu *extra duties* huma ezentati minn din il-ligi.

milli toffri ghas-servizz ta' gwardjani privati persuni mhux licenzjati skond l-Att.

Dan ifisser li l-imputat kien f'obbligu jassigura ruhu li qabel ma nkariga lil Attard, dan kien debitament licenzjat skont il-ligi. Jirrizulta mix-xhieda tal-imputat li ma staqsiehx kellux licenzja u lanqas jiftakar jekk fil-kors tar-relazzjoni t'impjieg tkellmux dwar dan: ***"Jien ma staqsejtux jekk kienx liċenzjat jew le...... ma hijiex xi ħaġa li ħsibt fuqha u li ikkunsidrajtha u ma niftakarx issa fid-diskussjoni semmihiex hu.".***

Hija biss licenzja mahruga ai termini ta' dan l-Att li tezimi mir-responsabilita` penali persuna li qed isegwi l-passi ta' persuna ohra u tirraporta dwar l-ghemil taghha! **Hija biss licenjza mahruga taht dan l-Att li tittrasforma f'servizz t'investigazzjoni privata - sancita w awtorizzata mill-Kummissarju tal-Pulizija – kondotta, li altrimenti u in mankanza ta' dik il-licenzja, potenzjalment tikkostitwixxi *harassment, stalking u vjolazzjonijiet ohra dwar data protection.***

Fil-fatt gie kkunsidrat ukoll dak li ntqal fil-kors tal-Laqgha tal-Kumitat Permanenti Ghall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Ligi meta kien qed jigi kkunsidrat l-Abbozz 159 tal-1995, illum l-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta:[14]

**ONOR. TONIO BORG:** Malli tibda tiddefenixxi x'tista' taghmel u ma taghmilx ma tkunx biss qed tillimita. Jien ghamilt 16-il sena nahdem bhala avukat u naf fejn xi hadd kellu suspett li l-parti l-ohra qed tikkommetti adulterju. Dan li se nghid huwa komuni li jsir fejn parti tqabbad lil xi hadd biex isegwi l-passi tal-konjugi taghha billi anke jittiehdu ritratti. Fil-fatt dan diga' qed isir minn persuni li mhumiex licenzjati u allura l-iskop li ghalih qeghda ssir din id-definizzjoni mhux biex jinghata d-dritt u l-barka li bniedem jaghmel dan ix-xoghol. **L-iskop huwa li fejn qabel din l-investigazzjoni setghet issir minn kulhadd, issa min jaghmilha jrid ikun bilfors licenzjat**. [emfazi tal-Qorti]

Dwar il-klawzola 4, dak li llum hu l-artikolu 4 tal-att, ir-reat li jinsab addebitat bih l-imputat fit-tieni akkuza nghad hekk:

**ONOR. TONIO BORG:** Mr Chairman, fi klawsola 4 qeghdin nghidu li **hadd ma jista' jircievi servizz ta' *private security* jekk mhux minn persuna licenzjata** jew minn agenzija licenzjata ghaliex inkella ma jkunx hemm skop li tillicenzja...... **Ma jistax iqabbad lili biex naghmel dan**

[14] Kumitat Permanenti Ghall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Ligi, Laqgha Nru.30, Seduta tas-26 ta' Marzu, 1996

**ix-xoghol jekk jiena m'inix licenzjat** jew iqabbad agenzija li ma tkunx licenzjata. [emfazi tal-Qorti]

Mhux bla importanza dak li ntqal fis-seduta nru. 31 rigward il-pieni ravvizati bl-att, li tissottolineja l-oneru kbir li l-legizlatur fassal ghal kull min jimpjega gwardjan privat mhux licenzjat:[15]

**ONOR. TONIO BORG:** Klawsola 25 hija dwar il-pieni ghall-offizi. Il-pieni l-iktar serji huma ghal dawk li joperaw minghajr licenzja bhala *employers*.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Gordon Mifsud** ddikjarat:[16]

Hu minnu li, meta wiehed ihares lejn il-paragrafu ( c ) tal-artikolu 25, isib li hemm piena differenti w cioe' wahda ta' multa ghal reat kommess minn persuna li timpjega, thaddem jew tippermetti l-uzu ta' servizzi ta' gwardjani privati jew servizzi ta' gwardjani privati bi ksur tal-artikolu 4 jew tal-artikolu 15, jew li xort' ohra tikser xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' dak l-Att barra minn dawk li ghalihom japplikaw il-paragrafi (a) u (b) tal-art. 25. Pero' wiehed ghandu jifhem li l-kliem "*jew xort' ohra tikser xi wahda mid-dispozizzjonijiet ...paragrafi (a) u (b)*",bir-regola tali nterpretazzjoni tal-"*eiusdem generis*" tirriferi ghal kazijiet ta' terzi li jimpjegaw is-servizzi ta' Gwardjani privati jew lokali, u mhux ghall-kazijiet ta' agenziji licenzjati li jimpjegaw persuni li *a loro volta* ma jkunux licenzjati.

L-obbligu legali fuq persuna li ser taghmel uzu minn servizzji t'investigazzjoni privata, li ghandha l-obbligu li tassigura ruhha li l-gwardjan privat li ser jippresta dak is-servizz ikun debitament licenzjat, hu simili ghall-oneru li persuna li taghmel uzu minn vettura ghandha tassigura ruhha li dik l-imsemmija vettura tkun koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi. Dwar dan l-obbligu (taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta) fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs George Falzon** il-Qorti qalet:[17]

Illi apparti dan pero', materja simili giet trattata minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef** " [18.9.2002], fejn din il-Qorti kienet iccitat u ghamlet riferenza ghas-sentenza **"Il-Pulizija vs. Carlo Abela"** [15.07.96] fejn din il-Qorti diversament preseduta kienet iccitat b'approvazzjoni diversi siltiet minn awturi w rivisti legali Inglizi dwar il-matera in dizamina w li jikkumentaw dwar il-posizzjoni fil-ligi Ingliza w cioe' Section 143 (1)(a) tar-Road Traffic Act li huwa kwazi identiku ghall-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[15] Kumitat Permanenti Ghall-Konsiderazzjoni Ta' Abbozzi Ta' Ligi, Laqgha Nru.31, It-Tnejn, 15 ta' April, 1996

[16] Per Onor. Imhallef Dr. Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.; Deciza 26 ta' Marzu, 2009

[17] Qorti tal-Appell Kriminali, Per Onor. Imhallef Dr. Joseph G. Galea Debono B.A., LL.D.; Deciza 19 ta' Frar, 2004; Appell Kriminali Numru. 28/2004

Illi it-test ta' dan l-Artikolu tal-ligi Ingliza jghid testwalment hekk:-
*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle by that person such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hija kif gej. Kif jghid l-**ARCHBOLD** [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998, London, Sweet & Maxwell , p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza :-
*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time*: **Philcox vs. Carberry** {1960} Crim. L.R. 563, D.C."

Illi saret riferenza ukoll ghall **Criminal Law Review**, 1960 li b'riferenza ghal din is-sentenza fuq citata, ikkumenta hekk:-

"*It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponen, the burden of disproving it lies upon the latter."* {Halsbury's Laws of England, 3rd. ed.Vol.15 ,270*} In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases. It was stated by Talbot J. , obiter , in "Williams v. Russell" (1933) 149 L.T. 190 , that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."* [sottolinjar tal-Qorti]

Illi l-istess ragunament isib applikazzjoni ghar-reat in dezamina.

Illi fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u tar-rizultanzi processwali, il-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest it-tieni imputazzjoni.

Dwar il-piena l-Qorti qiset ic-cirkostanzi xejn felici li sab ruhu fihom l-imputat f'mument difficli meta sab ruhu kostrett jirrikorri ghas-servizz ta' Attard semplicement biex jaghmel il-prova tal-verita`. Tant rrikorra lejn Attard esklussivament ghal dan il-ghan, u mhux biex idejjaq jew jimportuna lill-martu, li fil-ftehim li ghamel mieghu assigura ruhu li dwar ir-rizultanzi tal-investigazzjoni minnu mwettqa *"I will be willing to testify whenever summoned by Court".* Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis li dak li sehh kien biss *oversight* da parti tal-imputat sforz tas-sitwazzjoni xejn felici li gie rinfaccjat biha. Ghaldaqstant il-piena erogabbli ghandha tkun wahda li tavvicina l-minimu.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 4 u 25(c) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah *multa* ta' €150.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**